MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Numru. 293/2004

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
WILFRED AZZOPARDI
CHARLTON GERADA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Wilfred Azzopardi ta' 45 snea, bin John u Mary nee Xuereb, mwieled tal-Pieta fit-30 ta' Jannar 1958 u li joqghod fl-indirizz Wilson, Triq Alexandra. Qormi detentur tal-karta tal-identita numru 108158M u Charlton Gerada ta' 18 sena, bin Carmelo u Bernarda nee Muscat, imweled tal-Pieta fid-19 ta' Dicembru 1985, u li joghqod fl-indirizz Block 7, Flat 2, Triq Patri Serafin Zarb, Pembroke San Giljan detentur tal-karta tal-identita numru 19086M talli fl-14 ta' Marzu 2004, gewwa Ta' Qali, ffalsifkaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew

manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej daw ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu tali merkanzija, jew xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammu ghandhom ghal bejgh jew importaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija, b'marka sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe numru ta' CD's, DVD's foloz.

Talli fl-istess cirkostanzi bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor, irriproducew jew kkopjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehor, offrew ghal bejgh jew biex jtqassam, xi artikoli jew xi haga bi ksur tal-jeddijiet li johorgu md-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew that il-ligi ta' Malta cioe numru ta' CD's u DVD's foloz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokujmenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-23 ta' Gunju 2004 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 49, 50, 298(1), 298(B) tal-kap 9 tikkundannahom multa ta' Lm400 kull wiehed li ghandha tithallas fi zmien sitt xhur b'rati mensili.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------